# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 120/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Johan Pace**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Johan Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 11077(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-12 ta' Frar 2008 ġewwa Sqaq Żawri, tal-Pieta`, ikkommetta serq ta' flus, u aċċessorji, liema valur ta' dawn l-oġġetti jeċċedu Lm8000 ekwivalenti għal €18635 a detriment ta' Michele u Paola Zerafa minn Tal-Pieta`, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u

bil-valur u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 279 u 280 tal-Kap.9 ta' l-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data u ħin u taħt l-istess ċirkostanzi ikkometta ħsara volontarja fl-istess fond imsemmi fl-ewwel akkuża għad-dannu ta' Michele u Paola Zerafa minn Tal-Pieta` u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Kap.9 ta' l-Liġijiet ta' Malta;

3. Rat l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tal-14 t'Ottubru, 2008 li bih awtorizzat zieda fl-imputazzjoni fuq talba tal-Avukat Generali fis-sens illi jizdied l-aggravju tal-lok u l-addebitu tar-recidiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016 li biha wara li rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 51 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281, 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati w kkundannatu għal tlett snin (3) priġunerija. Inoltre' a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat a favur tal- parti leża, Michele u Paola Zerafa u l-familja tagħhom, kif ukoll a favur ta' Jane Formosa u għal-familja tagħha għal żmien tlett (3) snin skond digriet anness li għandhom jibdew jiddekorru minn dik il-ġurnata li l-imputat ikun skonta il-piena inflitta fuqu. Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' tmien mija u sittax il-Euro u sebgha u sittin ċenteżmi (€816.67) rappreżentanti ħlas ta' l-ispejjeż tal-esperti maħtura. F'każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx għandu jkun konvertit fi priġunerija ai termini tal-liġi. Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9, moqri

flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446, tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lil ħati jħallas is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin Ewro (€25,623) rappreżentanti ħdax –il elf Lira Maltin (Lm11,000) lil parti leża Michele u Paola Zerafa u dana fi żmien tlett snin minn dakinhar;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2016, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha (1) **tannulla** s-sentenza mogħtija nhar id-29 ta' Frar 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi ma' ġewx imħassra l-formalitajiet kollha li trid il-liġi, (2) fl-eventwalita' li ma tilqax l-ewwel talba, **tħassar**, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha fejn l-esponent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, (3) fl-eventwalita' li ma tilħaqx [tilqax] l-ewwel żewġ aggravji **tvarja** u tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-provi [hawn jidher li l-appellant ried juza l-kelma "piena"].

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Dan il-kaz jirrigwarda allegata serqa minn gewwa residenza filwaqt illi s-sidien kienu jinsabu 'l hinn mill-fond taghhom. Wahda mill-girien gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kien qed jisgassa l-bieb tal-fond u li kien l-istess persuna minnha nnutat xi jiem qabel fil-vicinanzi tar-residenza;

2. Qabel kull konisderazzjoni ohra, ghandu jkun rilevat illi l-Imhallef sottofirmat kien ukoll il-Magistrat Inkwirenti li hejja l-*process verbal* esebit u formanti parti minn dawn l-atti b'dan, izda, illi fil-vesti tieghu ta' Magistrat Inkwirenti ma kien esprima ebda opinjoni stante li ma saret ebda konkluzzjoni u dan ghaliex fil-mori tal-inkjesta kien tressaq persuna u l-Ispettur Investigattiv kien talab lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jghalaq il-*process verbal* . Illi ghalhekk ma hemm ebda ostakolu sabiex dan l-appell ikun mismugh u deciz mill-Imhallef sottofirmat tant li l-ebda wahda mill-partijiet ma ssollevat xi oggezzjoni in rigward;

3. Ili fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jeccepixxi **n-nullita' tas-sentenza** meta jallega ksur ta' wieħed mill-prinċipji kardinali fil-kamp kriminali ossia konsistenti fl-inferenza mill-Qorti dwar li l-imputat kien għażel id-dritt tiegħu tas-silenzju. Huwa fil-bran segwenti tas-sentenza appellata li l-imputat ihossu aggravat: "*Wisq anqas sar xi tentattiv simili mill-imputat li meta nterrogat mill-Ispettur Tonna ( Fol.17) ma offra ebda spjegazzjoni għall-presenza tiegħu fl-inħawi'.*

4. Il-bran appena citat jinsab a fol 6 tas-sentenza appellata wara li l-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u bdiet tezamina l-linja difensjonali b'xi osservazzjonijiet tal-istess Qorti. Issa sabiex kollox jitqieghed fil-perspettiva u ma jkunx mehud barra mill-kuntest tieghu, ikun ahjar li jkun citat dak il-paragrafu kollu tas-sentenza appellata li jghid hekk:

"*Kif ukoll gie sottolinejat aktar il-fuq, ix-xhud okulari qatt ma rat lill-imputat b'xi tfal fl-inhawi tar-residenza taghha u kienet ferm deskrittiva dwar dan. Din il-Qorti hi konvinta li imqar b'rispett*

*ghal wild taghhom, Catherine Mackay ma kellha xejn xi jzommha milli taghti l-ispjegazzjoni li tat quddiem din il-Qorti lill-Pulizija, anke b'mod diskret. Kif tixhed Mackay stess, hi kienet iccempillu ta' spiss sahansitra anke fil-jum tar-reat u ghalhekk ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma setghet kienet daqshekk hazin li hija kienet lesta thalli lill-missier bintha jigi akkuzat b'akkuzi tant serji ghal hames snin ingustament meta dan effettivament kien innocenti. Wisq anqas sar xi tentattiv simili mill-imputat li meta nterrogat mill-Ispettur Tonna (fol.17) ma offra ebda spjegazzjoni ghall-presenza tieghu f'dawk l-inhawi. Persuna li tghozz il-liberta' w l-innocenza taghha zgur ma kienitx ser tibqa siekta u tissogetta ruha ghall-akkuzi inveritjieri u ngusti! Il-Qorti thoss li x-xhieda ta' Mackay ma ghandhiex mis-sewwa u ma hix kredibbli.*"

5. Mill-ottika tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi ghal dak li ghandu jkun fiha sentenza ghall-validita' taghha ma tista' tirrizulta ebda nullita' : '*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'* . Dana ma jfissirx illi ma jistghax ikun hemm ragunijiet ohra ghaliex sentenza ta' Qorti ma tistax tkun meqjusa annullabbli jekk ghal xi raguni dik is-sentenza ma tkunx konformi ma' disposizzjonijiet jew principji ohra tal-ligijiet tal-pajjiz. Ma tkunx l-ewwel darba li din il-Qorti tat rimedju fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq. Per ezemplari ssir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Reuben Bonnici 502/2010 DS** tat-23.2.2011 u r-rassenja ta' sentenzi hemm citati rigward nullita' tas-sentenza fejn imputat ma kellux assistenza legali waqt is-smigh tal-kawza meta kien implicitu li kien qed jitlob ghall-assistenza;

6. Tajjeb li in rigward, ssir referenza ghal xi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u awturi: Inghad illi '*Anyone accused of a criminal offence has the right to remain silent and not to contribute to incriminating himself (Saunders v. the United Kingdom [GC] § 60; O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], § 45; Funke v. France, § 44). Although not specifically mentioned in Article 6, the right to remain silent and the privilege against self-incrimination are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6. By providing the accused with protection against improper compulsion by the authorities these immunities contribute to avoiding miscarriages of justice and to securing the aims of Article 6 (John Murray v. the United Kingdom [GC], § 45; Bykov v. Russia [GC], § 92".*[1]

7. *'Whether the drawing of adverse inferences from an accused's silence infringes Article 6 is a matter to be determined in the light of all the circumstances of the case, having particular regard to the weight attached to such inferences by the national courts in their assessment of the evidence and the degree of compulsion inherent in the situation (ibid., § 47). In practice, adequate safeguards must be in place to ensure that any adverse inferences do not go beyond what is permitted under Article 6. In jury trials, the trial judge's direction to the jury on adverse inferences is of particular relevance to this matter (O'Donnell v. the United Kingdom, § 51).*[2]

8. *On the one hand, a conviction must not be solely or mainly based on the accused's silence or on a refusal to answer questions or to give evidence himself. On the other hand, the right to remain silent cannot prevent the accused's silence – in situations which clearly call for an explanation from him – from being taken into account in assessing the persuasiveness of the evidence adduced by*

[1] Page 35, Para. 177; Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, April, 2019

[2] Page 37, Para .192; Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, April, 2019

*the prosecution. It cannot therefore be said that an accused's decision to remain silent throughout criminal proceedings should necessarily have no implications (John Murray v. the United Kingdom [GC], § 47).*[3]

9. Il-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 39 (10) tipprovdi espressament illi ebda persuna li tghaddi proceduri ghal reat kriminali ma ghandha tkun obligata li tixhed fil-proceduri kontra taghha. Anke l-Kodici Kriminali fl-artikolu 634 (proviso) meta jghid illi n-nuqqas tal-imputat jew akkuzat li jaghti x-xhieda tieghu ma jistax iservi ta' kumment kuntrarju mill-Prosekuzzjoni jipprovdi ghall-istess dritt. Issa, meta bl-Att III tas-sena 2002 kien introdott fis-sistema legali taghna d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, liema Att dahal biss fis-sehh fis-sena 2010, l-artikolu 355AU, illum mibdul, kien jipprovdi ghad-dritt li l-Qorti jew il-guri jaghmel inferenzi mis-skiet tal-imputat jew akkuzat f'dawk ic-cirkostanzi fejn, la darba jkun ha parir legali qabel l-interrogatorju, baqa' sieket dwar xi provi li setghu ingiebu u dan kien jitqies allura bhala korroborazzjoni ta' dik ix-xhieda jew prova ohra. Dan id-dritt, izda tnehha minnufih u ghalhekk m'ghadux aktar legali, jekk qatt kien, li l-gudikant jaghmel xi inferenzi mill-ghazla tas-suspettat jew imputat li jibqa' sieket, liema inferenza ma kienitx applikabbli f'kaz li s-suspettat jaghzel li ma jitkellimx ma' avukat qabel l-interrogatorju;

10. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aggravju u l-kliem tal-ewwel Qorti, "*Persuna li tghozz il-liberta' w l-innocenza taghha zgur ma kienitx ser tibqa' siekta u tissoggetta ruha ghall-akkuzi inveritieri u ngusti!"* kienu mlissna mill-ewwel Qorti fl-ghazla taghha f'dak l-istadju meta qieset jekk ix-xhieda ta' certu Catherine

[3] Page 37 , Para. 191; Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, April, 2019

Mackay kellhiex mis-sewwa jew le. Punt determinanti dan ghal-kaz kontra l-imputat li jista' jfisser li d-decizzjoni tal-ewwel Qorti fis-sejbien ta' htija kienet in parti radikata mill-inferenza taghha dwar l-ezercizzju tad-dritt ta' silenzju tal-appellant. Jista' ugwalment ifisser li l-ewwel Qorti riedet sa dak il-punt tghid illi bil-provi migjuba kontra l-imputat u in mankanza ta' provi kontrarji ma kellhiex triq ohra hlief li ssib htija. Madanakollu, din il-Qorti trid tkun certa illi ma jkunx hemm lanqas xi percezzjoni li l-imputat seta' ma inghatax smigh xieraq fil-gudizzju kontra tieghu anke jekk dan seta kien lapsus tal-ewwel Qorti fix-xelta' tal-kliem;

11. Ghalhekk il-Qorti qed tqis dan bhala nuqqas ta' osservanza ta' dritt fundamentali u principji mnaqqxa sia fil-Kostituzzjoni, fil-Kodici Kriminali u fil-gurisprudenza li jgib mieghu in-nuqqas ta' smiegh xieraq u li konsegwentement igib mieghu in-nullita' tas-sentenza appellata;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett;

13. Fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, meta Qorti Superjuri ssib li tkun inkisret jew li ma tkunx saret xi formalita' li trid il-ligi taht penali ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali, ghandha thassar is-sentenza u tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu. Dan is-smiegh mill-gdid igib mieghu certi effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel konsegwenza, kif gia inghad, hi li l-kawza tkun deciza mill-gdid minn din il-Qorti. It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995)

Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

14. L-ewwel Qorti ghamlet rassenja akkurata u minuzjuza tad-deposizzjoni tax-xhieda u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha terga taghmel rassenja ohra u ghalhekk ser tistrieh fuq dak rakkontat mill-ewwel Qorti b'zieda jew korrezzjoni fejn jidhrilha li jkun hekk mehtieg;

15. Kif gia indikat fil-bidu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-fatti brevement rakkontati huma li nhar it-12 ta' Frar, 2008 seħħet serqa a detriment ta' koppja anzjana Michele u Paola Zerafa minn ġewwa d-dar tagħhom il-Pieta' konsistenti f'ammont ta' tmint elef liri Maltin li kienu f'basket tal-plastic fi gwardarobba kif ukoll arma li kienet *collectors' item*. Il-koppja ma kienux preżenti dak il-ħin għax ftit tal-ħin qabel kienu għadhom kemm telqu mid-dar biex imorru għall-appuntament mediku. L-ġara tagħhom innutat storbju u taħbit waqt li kienet qed tonxor fuq il-bejt u rat min kien qed jipprova jidħol. L-istess ġara kienet lemħet lill-appellant xi drabi oħra fl-akwata u li kien hassibha hazin tant li binha kien saħansitra ħa ritratt tiegħu. Il-Pulizija rabtet lill-imputat appellant mas-serqa tramite data mit-telefon cellulari tieghu mis-*service providers*. Il-gara ukoll gharfet lill-imputat fl-Awla tal-ewwel Qorti bhala l-persuna li kien qed jizgassa l-bieb;

16. Tajjeb ukoll li jkunu riprodotti estratti l-aktar relevanti mid-deposizzjonijiet tax-xhieda kif gej:

A) Xhieda tal-ispettur Mario Tonna:' *Jiena niftakar li konna nfurmati b'dan il-każ għal ħabta tal-ħdax neqsin kwart* ***(10:45 a.m.)*** *ta' filgħodu* (fol 246);

B) Xhieda ta' Jane Formosa 'Dalgħodu *mill-ġdid erġajt osservajt lil dan ir-raġel fl-istess post bil-qegħda fuq l-istess bank u jħares lil hinn u lil hawn u dan* ***kien ċirka wara d-disgħa (9:00a.m.) ta' filgħodu. Ċirka xi d-disgħa u kwart (9:15a.m.), id-disgħa u nofs (9:30a.m.)*** *bdejt nisma' xi taħbit fil-viċin, il-ħoss żdied u ttawwalt minn fejn kont qegħda fuq il-bejt, u rajt lil dan l-istess raġel li kien fuq il-bank u rajtu jissara mal-bieb'. (* Fol 224)

C) Xhieda ta' WPS 254 Janice Giordmaina '*Mela kien it-12 ta' Frar,* ***għal ħabta tad-9:30a.m****. daħlet telefonata b'vuċi femminili l-għassa tal-Ħamrun, qaltilna li x'aktarx kien hemm xi serqa minn numru 1, Sqaq Żawli, għax rat wieħed dieħel ,qed tarah ikisser il-bieb*'. (fol 95). Hija preżentat il-PIRS immarkat WPS1 a fol 98 u r-report time huwa 10:45a.m., incident time from 9:30a.m. to 10:45a.m..

D) Xhieda Paola Zerafa: '*Jiena għandi r-raġel ma jismax, ħriġt f' xi l-****għaxra 10:00a.m****. u mort nirranġalu din ta' widnejh.*'(fol 102).

E) Xhieda PC 275 Thomas Dimech ' Mela fit-12 ta' Frar, 2008, għal ħabta **tad-9:30a.m**. kont ġejt infurmat mis-surgent illi qegħda ssir serqa ġewwa l-isqaq Zawri, Pieta'. (Fol 113).

*F)* Xhieda ta' Mary Ann Mifsud fl-inkjesta maġisterjali '*Dalgħodu, għal ħabta ċirka bejn l-****10:30a.m. u l-10:45a.m****. ġie ġar tal-ħanut u qalli li kien ġara xi ħaġa fl-isqaq tal-ġenituri tiegħi għax osserva li kien hemm xi pulizija'. Meta staqsejt lil missieri x'ħin ħarġu , qalli li ħallew id-dar ċirka* ***fid-9:30a.m.***

G) Din il-Qorti eżaminat ukoll il-call logs tal-telefon cellulari tal-imputat stante li l-appellant qed jikkontendi li fil-ħin in kwistjoni kien qiegħed fuq it-telefon u għalhekk fl-impossibilita' li jisraq. Id-difiża quddiem l-Ewwel Qorti kienet talbet lill-espert tekniku Martin Bajada biex jindika fejn huma sitwati c-cells li jissemmew a

fol 39 (Dok MT2). Fit-12 ta' Frar, 2008 fil-ħin 9:18:59 sal-ħin 10:35:13 il-localisations juru li huwa kien fil-maġġior parti imqabbad mas-*Cell* tas-St Martins C, darba ma' dik ta' St Martins B 09:52:13 li huwa l-istess cell izda minn direzzjoni opposta, u darba 10:06:50 mas-cell ta' San Luqa B. Mid-dokumentazzjoni li ppreżenta l-istess espert jirriżulta ċar li St Martin's B u C huma ftit il-bogħod u mill-isqaq fejn saret is-serqa. Mill-call logs jidher li huwa baqa' fl-inħawi ta' fejn effettivament tirrisjedi Jane Formosa sa 10:43:49. Minn dawn il-*call logs* jirrizulta illi l-imputat ghamel diversi telefonati u ircieva ohrajn mill-hin ta' 9:18:59 'l quddiem li kull wahda damet affari ta' sekondi skond is-segwenti : 17, 23, 14, 14, 18, 24, 11, 19 , 6, 13, 10, 3, 7, 2 . L-istess *call logs* juru li mill-hin ta' 9:18:59 sa 10:43:37 kull telefonata mit-telefon tal-imputat inqabdet mis-*cell* St. Martins C hlief ghal tlieta minnhom li inqabdu mis-*cell* ta' San Luqa B. Issa r-residenza li minnha insterqu l-flus tinsab fil-Pieta'. L-argument tal-appellant hu li kif jirrizulta minn dawn il-*call logs* ma jistax ikun li l-imputat kien qed jizgassa l-fond u jidhol jisraq ghaliex f'intervalli ta' inqas minn minuta jirrizulta li kien qed jitkellem fuq it-telefon;

17. Dan l-argument jorbot max-xhieda ta' Catherine McKay (fol 260 *et seq*) li xehedet illi kellha relazzjoni mistura mal-imputat li kienet ilha ghaddejja tlettax-il sena. Sabiex jiltaqghu, l-imputat kien icemplilha u jghidilha l-post u l-hin fejn ser jiltaqghu u hi kienet tinzel fejn jghidilha u l-aktar li kienu jiltaqghu kien il-bandli f'Had-Dingli, ir-Rabat, il-Pieta;, il-Gzira u tas-Sliema fejn hemm kienet turih lill-binthom. Tghid li kienu jcemplu lil xulxin ta' spiss minhabba din ir-relazzjoni u indikat fuq il-*call logs* id-drabi li cemplilha l-imputat fil-jum tat-12 ta' Frar, 2008 fis-segwenti hinijiet: 07:53:50; 09:28:37 u 10:12:50;

18. Din il-Qorti ma inghatat ebda raguni ingenti ghaliex tiddubita lix-xhud okulari Jane Formosa li quddiem l-ewwel Qorti, diversament preseduta meta semghet ix-xhieda, kienet ċerta waqt

id-deposizzjoni tagħha dwar dak li kienet rat dakinhar u fil-ġranet qabel is-serqa. Hija in oltre, fuq il-pedana tax-xhieda tgħid is-segwenti :

*Xhud ' Issa wara sentejn hu ... imbgħad anke jilbes nuċċali tax-xemx taf. Ma rridx inkun one hundred per cent sure għax naf x'jiġrili wara sentejn.. Qorti: Huwa l-istess wieħed sinjura?*

*Xhud: Li kien fuq il-bank dak il-ħin rajnieh beda jagħti fl-ispalla fuq il-bieb' (Fol 223). Inoltre, ġew esebiti wkoll l-beritta u n-nuċċali tax-xemx li kienu nstabu fuq il-persuna tal-appellant u li l-istess xhud kienet ratu bihom.*

L-istess xhud kienet suggett ta' indagini meta ddikjarat li kienet irceviet telefonata anonima b'theddid ta' hsara fizika kontra uliedha f'kaz li tixhed f'din il-kawza. Irrizulta li dik it-telefonata kienet saret minn fuq *sim card* Griega u l-awtur taghha qatt ma kien traccjat. Dan ma ghandu jitfa' ebda dawl fuq l-imputat izda iservi biss biex issahhah il-fehma ta' din il-Qorti li minkejja l-biza kollu, din ix-xhud hija kredibbli fil-konvinzjoni taghha li l-persuna li rat jizgassa l-bieb tad-derubati huwa l-istess persuna li rat hi qabel u li haditlu ritratt ghaliex ma afdatux;

19. Din ix-xhud qatt ma ntweriet ritratti ta' persuni mill-Pulizija u kienet hi li tat ir-ritratt tal-imputat lill-Pulizija u qatt ma assistiet ghall-identification parade. Issa, huwa risaput u akkolt illi l-hekk imsejjah *identification in the dock* jehtieg li jkun konsiderat bil-kawteli kollha ghaliex huwa facli li xhud jkun indott biex jidentifika persuna li postha fil-hin tal-kawza jkun proprju fil-post addett ghall-imputati jew akkuzati. Pero' fil-kaz odjern, ix-xhud kienet rat lill-imputat fil-jiem ta' qabel fejn qatt ma kienet ratu qabel, nislilha suspett u haditlu ritratt. Jum jew tnejn wara rat l-istess persuna jizgassa l-bieb tal-gar;

20. Fl-aggravi tieghu, allura issa sottomissjonijiet, l-appellant jikkoncedi illi l-hin tas-serqa' kien bejn id-9.15am u d-9.35 am u mhux kif qal l-Ispettur Mario Tonna. L-appellant jghid illi l-kwistjoni kollha u allura l-linja difensjonali tieghu ma tirrigwardax id-diskrepanza fil-hin: "*mhux li l-hin tas-serqa m'huwiex car kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Anzi, kif inghad bl-oppost. B'hekk, minkejja li l-izball tal-Ispettur Mario Tonna, is-serqa saret fil-hinijiet li l-Ewwel Qorti stess qed tirrikonoxxi li saret u ma seta qatt li kien l-esponent li qed iwettaqha proprju ghaliex mill-"call logs" irrizulta li f'dak il-hin kien kontinwament fuq it-telefon u ghalhekk fl-impossibilita' li qieghed fl-istess hin iwettaq is-serqa bil-mod kif twettqet....*".

21. Dak li din il-Qorti trid tara hu jekk hemm dik ir-rabta bejn is-serqa u l-imputat li jissottometti li skond l-espert tal-Qorti min kisser il-bieb kellu xi forma t'għodda, li Paola Zerafa kienet rat karozza ħadra fejn issuspettat ħażin, iżda l-appellant ma għandux karozza ta' dan il-kulur u li l-ħin meta ttieħed ir-ritratt m'huwiex ċar. Huwa inoltre, jinsisti li x-xhud indikat persuna ħażina, kemm minħabba l-fatt li skont il-call logs kien fuq il-linja u kif ukoll li ma jistax ikun li rat d-ditta FILA ta' fuq il-ġakketta tiegħu minn fuq il-bejt.

22. Il-fatt li huwa seta' uża xi forma t'għodda qatt ma kien eskluż u l-fatt li qatt ma nstabet ghodda fit-tfittxija li saritlu ma jfissirx li qatt ma seta' jkun suspettat ta' dan l-ghemil. Ix-xhud okulari semghet l-istorbju u ttawlet biex tipprova tara x'inhu jiġri u lemħitu sewwa u peress li kien baqgħa f'moħħa mis-sibt ta' qabel is-serqa, iktar ftakritu. Ma jfissirx, li għax ix-xhud ma semmitx għodda, din ma ntużatx. Il-kwistjoni tal-hin tar-ritratt mehud mix-xhud ma hu ta' ebda konsegwenza f'din il-kawża;

*Xhud Jane Formosa: ' Dik il-ġurnata filgħodu kont qed nieħu bela kafe' u nara persuna li kont rajtu s-Sibt ta' qabel u l-movimenti tiegħu nkwetawni daqsxejn .*
*Qorti: Ok*
*Xhud: U qisni għajni għokritni naqra., daqsxejn . u kelli t-tfal id-dar għax inzertaw kienu ma jifilħux u din il-persuna ħadtlu ritratt.*
*Qorti :Din il-persuna?*
*Xhud: ' Ħadtlu ritratt għax tant inkwetani, u daqshekk kienet mietet . Umbgħad kont fuq il-bejt nonxor u bdejt nisma' taħbit li kien inkwetani daqsxejn. Ittawwalt u l-istess persuna li rajt hemm hekk, rajtha qed jiftaħ il-bieb, kif ngħidu jagħti bl-ispallejn biex jiftaħ il-bieb tas-sinjuri';*

23. Huwa evidenti illi il-provi f'din il-kawza huma sia diretti kif ukoll indizzjarji. Il-prova tal-gar hija dik diretta filwaqt illi l-*call logs* huma indizzjarji. Kif inhu palezement akkolt fil-gurisprudenza dwar din it-tip ta' prova jinghad illi "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanneul Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-

ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

24. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod ferm elokwenti bis-segwenti bran:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista' twassal ghal htija* *<u>b'mod ragjonevoli</u>* *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

25. Illi fi hdan dan l-insenjament, din il-Qorti hi konvinta mill-univocita' tal-prova dwar il-*call logs* li tqieghed lill-imputat fil-lok tad-delitt u fil-hin tieghu liema indizju jsahhah il-prova diretta provenjenti mix-xhud okulari li rat lill-imputat jizgassa l-bieb tal-gara minn fejn sehhet is-serqa. Ghalhekk huwa pruvat 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli li kien l-imputat responsabbli ghal dan id-delitt;

26. Kwantu l-ammont ta' flus misruqa, l-imputat jghid li d-derubata tat biss valur approssimattiv li jikkontrasta mal-ammonti imsemmija mill-Maġistrat Inkwirenti u minn Mr Vince Ciliberti fir-rapport. Fil-process verbal hemm riprodott dak li kkonkluda l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Fol 49: *' l-ammont ta' ċirka* ***'l fuq minn tmient telef Lira Maltin (LM 8,000)...*** *fi flus kontanti mill-kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq minn gwardarobba. Handbag mill-istess gwardarobba li kien fih* ***xi ammont żgħir ta' flus kontanti****, kif ukoll affarijiet personali fosthom identity card tas-sinjura Zerafa'.*

***A fol 75*** *mir-rapport li għamel Vince Ciliberti ' Mill-fond instabu* ***nieqsa l-ammont ta' Lm 8,000 jew ftit iktar****, li kienu f'żewġ basktijiet tal-plastic fis-sular ta' fuq il-kamra tas-sodda u basket ieħor li kien fih xi affarijiet personali fosthom l-ID card u ċavetta tal-bieb ta' barra.'*

*A Fol 102* ***xhieda ta' Paola Zerafa*** *quddiem l-Ewwel Qorti 30 t'April, 2008'*
*Qorti' Kemm kellek sinjura?*
*Xhud ' Kelli* ***erba' pakketti ta' elfejn*** *–il wieħed u kelli f'baskett ieħor tal-plastic,* ***naħseb*** *li kien hemm tlieta oħra. Kienu lesti sabiex nibdilhom.*
*Qorti: Jiġifieri b'kollox kemm kellek flus sinjura?*

*Xhud : '**Forsi** ħdax-il elf (LM11,000) Maltin.*

27. Id-derubata xehdet quddiem l-espert imqabbad mill-Qorti dakinhar tas-serqa fir-rigward tal-flus biss għax di fatti kienet xehdet it-tifla tal-koppja anzjana. Is-sinjura Zerafa żgur kienet għadha taħt xokk meta kellimha l-istess espert, infatti mix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti hawn fuq ikkwotata hija kienet iktar taf x' kien hemm nieqes. Hija tuża l-kelma ***forsi*** ħdax –il elf (LM11,000) Maltin u għal din ir-raġuni l-appellant qed isostni li l-ammont huwa approssimattiv. L-espert juża l-kliem ***Lm 8,000 jew ftit iktar.***

29 Jibqa' stat ta' fatt li tmient elef (LM8,000) Maltin huma ċerti għax hija tgħid li f'baskett kellha erba' (4) pakketti ta' elfejn (LM2,000) lira Maltin. Il-ftit iktar u 'l fuq minn 8,000 Lira Maltin kienu ddeterminati fix-xhieda tal-istess derubata fejn qalet li f'baskett ieħor kien hemm **aktarx tlett pakketti oħra** u għalhekk qalet **forsi ħdax –il elf lira Maltin (LM 11,000).** Peress li fix-xhieda tagħha, s-sinjura Zerafa ma kinitx mija fil-mija ċerta kemm kien hemm iktar kontanti fit-tieni baskett u teżita biex tiddikjara it-total ta' ħdax –il elf lira Maltin din il-Qorti tikkonkludi li l-ammont misruq huwa ta' tmient elef liri maltin u ghalhekk jirrizulta l-aggravju tal-valur fit-termini tal-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali;

28. Tressqet il-prova tal-hsara fil-bieb tar-residenza tad-derubati kif ukoll il-prova debita dwar ir-recidiva. Jirrizulta inoltre li sehh l-izgass u konsegwentement jirrizulta l-aggravju tal-mezz fit-termini tal-artikolu 263 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-aggravju tal-lok ai termini tal-artikolu 269(g) b'dan l-ahhar aggravju skond iz-zieda fl-imputazzjoni kif mitluba mill-Avukat Generali u kif korretta mill-ewwel Qorti b'ordni taghha tal-14 t'Ottubru, 2008;

29. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed issib lill-imputat appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u riprodotti fil-bidu ta' din is-sentenza biz-zieda tal-aggravju tal-lok kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva kif mizjuda b'ordni tal-Qorti tal-14 t'Ottubru, 2008 bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel wahda;

30. Ghalhekk wara li rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 51, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 281, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat appellant ghall-terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin, tordna l-hrug ta' ordni ta' trażżin a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 fil-konfront tal-appellant a favur tal-parti leża, Michele u Paola Zerafa u l-familja tagħhom, kif ukoll a favur ta' Jane Formosa u għall-familja tagħha għal żmien tlett (3) snin skont id-digriet hawn anness, li għandhom jibdew jiddekorru minn dik il-ġurnata li l-appellant jiskonta l-piena. Tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €816.67 rapprezentanti ammont ta' spejjes inkorsi fil-hatra ta' esperti u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Finalment, bis-sahha tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, tordna lill-hati jħallas lil parti leża Michele u Paola Zerafa l-ekwivalenti ta' tmint elef Maltin (LM8,000) u cioe' tmintax –il elf, sitt mija erbgħa u tletin Ewro u disa' u disgħajn ċenteżmu (€18,634.99) u dan fi żmien tlett snin millum.